MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgha Annwali tal-Lokalita

8 ta` Frar 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fis-sala tal-Kunsill tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrene Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

ASSENTI B`APOLOĠIJA:

Is-Sur John Boxall - Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

Ghal din il-laqgha attendew 21 resident

Il-Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi qal it-talba u tah bidu ghal din il-laqgha, fejn talab sabiex ikunu dawk prezenti li isimhom jidher fuq l-ahhar Registru Elettorali. Is-Sur Mizzi spjega kif waqt din il-laqgħa annwali ser jingħata rapport ta` ħidma li sar mill-Kunsill matul is-sena 2018 u kif ukoll ħarsa lejn il-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena 2019. Is-Sur Mizzi zied jghid li wara li jinghata dan ir-rendikont, l-Kunsill ser ikun qieghed jilqa` s-suggerimenti ta` dawk prezenti.

1. **Rapport Amministrattiv 2018**

Gie moqri r-Rapport Amministrattiv ghas-sena 2018 fejn f`dan ir-rapport isemma` l-hidma kollha li saret mill-Kunsill Lokali tal-Birgu u mill-Gvern Centrali kif ukoll x` attivatjiet u inzjattivi li ttiehdu matul is-sena 2018 fosthom; l-indafa u l-ambjent, agrikoltura, amminsitrazzjoni, toroq, servizz pubbliku, edukazzjoni, protezzjoni u restawr ta` binjiet storici ecc.

Wara li nghatat spjegazzjoni ta` dan ir-rapport, il-Vici Sindku talab sabiex dawk prezenti jaghtu suggerimenti u kummenti taghhom.

2. **Estimi Finanzjarji 2019**

Il-Vici –Sindku nforma lil dawk prezenti li matul is-sena 2018, il-Kunsill hadem bil-ghaqal finanzjarjament u rizultat ta` dan huwa li l-Kunsill ghalaq is-sena b`pozizzjoni finanzjarja tajba.
Is-Sur Mizzi zied jghid li matul is-sena 2019, il-Kunsill qed jiprogetta li jitlesta l-progett tal-bandli, jitwahhlu litter bins u dog bins godda u jkomplu jsiru dawk ix-xoghlijiet l-ohra li ma tlestewx fis-sena 2018.

3. **Kummenti mill-Pubbliku**

Fil-hin allokat ghall-kummenti mill-pubbliku, tqajjem il-punt x`xogholijiet ser issiru fi Triq San Dwardu. Is-Sur Trevor Mizzi spjega li Triq San Dwardu hija wahda minn dawk it-toroq li gew maghzula mill-Gvern biex issiru xoghlijiet ta` rikostruzzjoni ta` triq kollha. Is-Sur Mizzi zied jghid li dawn ix-xoghlijiet diga` bdew.

Resident staqsa jekk Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, triq ohra maghzula mill-Gvern, hux ser ssir kollha jew parti minnha. Is-Sur Mizzi talab sabiex il-Kunsill jikkonferma mall-Ministeru kkoncernat dwar din il-mistoqsija.

Resident iehor ghamel referenza ghall-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill, hekk kif il-Kunsill qieghed jaffacja elezzjoni fix-xhur li gejjin. Dan is-sinjur staqsa x`inhu l-indici finanzjarju tal-Kunsill. Il-Vici-Sindku spjega li l-Kunsill ghalaq is-sena b-indici finanzjarju ta` 16%, fejn dan ifisser 6% aktar minn dak mitlub mid-Dipartiment.

Residenta ohra staqsiet x`ser ssir minn Triq l-Antika, peress li hemm bzonn li f`parti minn din it-triq issir it-tarmak. Is-Sur Mizzi talab sabiex il-Kunsill jiehu nota dwar dan.

Residenta ohra tkellemet dwar l-istat hazin li tinsab fiha Triq l-10 t`Awwissu, fejn talbet li hemm bzonn li din it-triq tinghata tarmak ghax ser jaqa` u jkorri xi hadd sewwa.

Resident iehor staqsa dwar jekk sarx xi haga ghal dawk it-toroq li saru bil-pavimentar peress li qeghdin jizolgu hafna specjalment fix-xita. Is-Sur Mizzi spjega li l-Kunsill ilu snin jikteb lill-persuni responsabbli minn dan il-progett b`din il-problema, fejn sfortunatament baqghet ma ttiehdet l-ebda azzjoni.

Resident iehor staqsa dwar meta ser ssir Triq Wenzu Dyer u dan ghal fatt li tnax-il sena ilu, l-Kunsill kellu jaghmel din it-triq u sa` llum baqa` ma sar xejn. L-istess resident talab sabiex il-bollards ta` Triq Wenzu Dyer jigu mwahhla fit-triq u mhux fejn qeghdin fil-prezent ghax xorta qeghdin jipparkjaw il-karozzi.

Residenta ohra ghamel referenza ghal bring in site tal-Fortini, fejn qalet li hemm xi whud li qeghdin jitfu l-boroz taz-zibel magenb dawn il-bins. Is-Sinjura staqsiet jekk il-Kunsill hux jiehu azzjoni peress li hemm installati CCTV camera. Is-Sur Mizzi spjega li l-Kunsill diga` rraporta kazijiet lill-LESA u gew mmultati.

Residenta ohra talbet sabiex jinbidlu l-bankijiet li hemm fi Triq San Dwardu.

Residenta ohra talbet sabiex issir zebra crossing fi Triq San Dwardu quddiem id-djar.

Resident iehor staqsa dwar jekk hemmx il-hsieb li ssir Triq Nestu Laviera.

Resident talab sabiex il-Kunsill jigbed ghal attenzjoni tal-propretarju ta` dar fi Triq Hilda Tabone sabiex jinzebghu l-bibien ghax qeghin jaghtu dehra kerha, specjalment lil dawk il-mijiet ta` turisti li jghaddu minn din it-triq.

Resident iehor ssugerriexa sabiex dawk kollha li jigu jaghmlu volontarjat fil-Birgu, f`kazini u socjetacjiet jinghatlhom permess specjali biex ikunu jisghtu jipparkjaw matul il-hinijiet ta` filghaxija, ghax qeghdin jispiccaw jaghqilu citazzjoni.

Residenta ohra ghamlet referenza ghall-CCTV cameras li gew installati l-Pjazza, fejn talbet sabiex il-parkeggi ta` nofs jibdew jintuzaw matul il-hinijiet ta` filghaxija. Is-Sur Mizzi spjega li jekk dan issir jerga` jkun hemm rebus u kulhadd jipparkja bl-addocc. Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier spjega li wara li l-istess Kunsill talab lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex ikun hemm pulizija stazzjonat 24 siegha fl-ghassa tal-Birgu, l-istess Kunsill gie mgharraf li dan ma seghtax isehh, u fuq parir tal-Kummissarju tal-Pulizija gew installati dawn il-cameras.

Residenta ohra staqsiet min johrog il-permessi biex jsiru l-kaxxi ta` reserved parking. Is-Sur Trevor Mizzi spjega li hemm process mall-KNPD u Transport Malta.

Residenta ohra ghamlet referenza ghas-sinjali tal-art ta` Triq il-Kardinal, fejn spjegat li hemm uhud minn dawn is-sinjali li mhux qeghdin mmarkati sewwa u qed jittiehef hafna spazju ghall-parkegg.

Resident iehor ghamel referenza ghar-rampa li saret fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa, fejn spjega li din ma saritx fil-post adattat ghax xorta wahda qeghdin jipparkjaw il-karozzi u l-persuna bil-wheelchair ma tistax taghmel uzu minn din ir-rampa.

Residenta ohra staqsiet dwar il-porgett tal-Fortini. Il-Vici Sindku spjega li dan il-progett huwa wiehed privat u mill-informazzjoni li ghandu l-Kunsill, jidher li nstab kuntrattur li huwa nteressat biex jinvesti u jaghmel dan il-progett, liema progett ser jkun qieghed jinkludi parkegg kbir li parti minnu ser tkun qed tintuza mir-residenti.

Residenta ohra ssugerriet sabiex jigu nstallati *charging pillars* fil-lokalita. Is-Sur Mizzi talab sabiex il-Kunsill jiehu nota u jinforma lill-Transport Malta dwar dan.

Residenta ohra ilmentat li xi drabi t-trakk li jigbor l-iskart ikun mahmug u ma jhalliehx rwejjah pjacevoli.

Residenta ohra staqsiet jekk il-Kunsill hux ser iqassam il-kontenituri ta` riciklagg fil-lokalita. Is-Sur Trevor Mizzi nforma lil dawk prezenti li fil-jiem li gejjin ser jigu nfurmati meta dawn ser jibdew jitqassmu.

Fi tmiem il-laqgha annwali tal-lokalita', il-Vici-Sindku, s-Sur Trevor Mizzi rringrazzja lir-residenti prezenti ghall-interess li wrew fil-ħidma tal-Kunsill u ghall-parteċipazzjoni taghhom f'din il-laqgha.

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha ta` filghaxija (7.00pm)

Konfermati llum it-Tlieta 12 ta` Marzu 2019

Ffirmata

Ffrimata

John Boxall
Sindku

Lara Mascena
Segretarju Ezekuttiv